KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCALCOUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Lokalita'**

**Laqgħa Annwali tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Lokalita', li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru 2022, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl' 15 ta' Diċembru 2020.

Marico Sammut — 2 ta' Diċembru, 2022
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier

Onlajn

- Daryl Connor — Kunsillier

Skużati

- Anthony Delia — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Assenti

- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

## 1. Qari ta' ittri ta' apoloġija

Il-Kunsill irċieva notifika ta' apoloġija mingħand il-Kunsilliera Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Antoinette Bezzina u Mary Borg.

## 2. Introduzzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Alfred Grima wera id-diżappunt tiegħu li minkejja li l-Kunsill Lokali qassam tlettax il-elf avviż bħal invit għal din il-laqgħa annwali ma kien hemm l-ebda attendenza.

**Diskors:**

Nilqgħukom għat-2 laqgħa annwali tas-sena, fejn fiha l-kunsill iltaqa 16 il-darba u saru 2 laqgħat annwali. Dan apparti diversi laqgħat oħra ta' rutina. Flimkien miegħi hawn preżenti l-kollegi membri tal-kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv.

- **Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**
  Fil-25 ta' Mejju 2022, il-Kunsill ħatar lil Marico Sammut fil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv . Nirringrazzja lis-Sinj. Elke' Sghendo li servit lill-kunsill fil-kariga ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv.

- **Xogħol Infrastrutturali**
  Il-kunsill kompla jagħmel diversi xogħolijiet ta' *extensive patching* fosthom fi triq il-Port Ruman, Jean de la Cassier u Triq Gandoffli. Huwa programmat li dawn ix-xogħolijiet ikomplu fi Triq San Ġorġ u Triq l-Għaxra ta' Frar. Infrastruttura Malta, b'kollaborazzjoni mall-kunsill, lestiet il-bini mill-ġdid ta' Triq il-Kaħli, parti minn Triq il-Lampuki, Triq San Ġużepp, Triq il-Katidral u t-toroq fl-inħawi ta' l-Erba' Imwieżeb. Fil-preżent għaddejjin xogħolijiet fuq Triq tax-Xema u Triq Sir Luiġi Preziosi. Għat-3 snin li ġejjien il-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar se tibbenifika minn l-għola ammont ta' toroq li sejrin jinbnew mill-ġdid.

- **Proġetti**

✓ F'Ġunju, il-kunsill inawgura bust b'tifkira ta' Dr Victor Calvagna.
✓ F'Lulju, saret l-inawgurazzjoni mill-ġdid ta' Ġnien il-Millenju wara xogħolijiet ta' rinovazzjoni.
✓ F'Ottubru nbeda l-proġett tal-bandli ta' Burmarrad, fejn instab li s-siġar eżistenti qiegħdin fil-wiċċ bi ftit ħamrija bil-konsegwenza li l-għeruq tagħhom qed jagħmlu ħafna ħsara.
✓ F'Novembru nbeda xogħol ta' rinovazzjoni tal-gallarija fi Triq San Franġisk.
✓ Il-proġett ta' Ġnien Joseph. P. Caruana, fi Triq Cassarino, mistenni jibda fit-2 ġimgħa ta' Jannar 2023.

- ✓ Flimkien mas-settur privat, il-kunsill imbarka fuq proġett ta' restawr ta' Luzzu qadim fejn dan se jiġi trasformat f'monument iddedikat lis-sajjieda Pawlin.

- **Ħidma diversa**

- ✓ Fi Frar, ġie ffirmat ġemellaġġ mall-lokalita' ta' Oroslavje, fil-Kroazja, fejn għal dan il-Milied se jsir skambju ta' xewqat sbieħ bejn l-istudenti mill-iskejjel rispettivi.
- ✓ Twaqqaf grupp volontarju Green Waves li tul is-sena għamel diversi clean ups fil-lokalita'.
- ✓ Il-kunsill kompla jinvesti fit-tagħlim tal-mużika u l-kompjuter għar-residenti tiegħu.
- ✓ 12 ta'Diċembru 2022 – Se jiġi ffirmat ftehim biex il-parkeġġ ta' l-iskola tal-Qawra jgħaddi taħt it-tmexxija tal-kunsill. Ma dan kollu, jeħtieġ li jsiru diversi xogħolijiet qabel jinfetaħ.

- **Milied 2022**

  Għat-3 sena konsekuttiva l-kunsill żamm mal-prassi li jżid aktar tiżjin tal-Milied madwar it-toroq tal-lokalita'. Din is-sena żżejjnu għall-ewwel darba parti minn Triq Piscopo Macedonia, Xemxija, parti minn Triq il-Magħsar, Burmarrad u l-Pjazza ta' quddiem il-knisja tal-Qawra fejn se tittela l-Qawra Community Christmas Fair. Marbuta ma dawn il-jiem ta' festi l-kunsill ħaseb biex itella 3 attivitajiet tal-massa b'kolloborazzjoni mall-Ministeru tal-Wirt Nazzjonali, Arti u Gvern Lokali. Għal dan l-għan, il-kunsill applika b'suċċess għal skema Finanzjament Milied 2022 u se jibbenifika minn ċirka ta' € 17,000.

- **Attivita' "Swicth On Lights"** 26 ta' Novembru 2022

  Konsegwenza tal-maltemp, l-attivita' Swicth On Lights li kienet ippjanata li ssir għall-ewwel darba fil-pjazza ta' Buġibba kella tiġi posposta għas-Sibt li ġej 10 ta' Diċembru 2022, fejn *The Big Friends Guggen Musik Band* mistennija li tallegra lil dawk preżenti.

- **Qawra Community Christmas Fair**

  L-attivita se tinżamm quddiem il-knisja tal-Qawra bejn is-16 u 18 ta' Diċembru 2022. Għal din is-sena se jkun hemm il-parteċipazzjoni ta' komunitajiet barranin u d-Day Centre ta' l-anzjani. Se jkun hemm stalls ta' l-ikel, rigali, mużika live minn persuni u gruppi magħrufa, Christmas Father u s-slitta tiegħu u diversi karattri oħra, kif ukoll rokna għat-tfal.

- **Christmas Parade**

  Bejn it-18 u 22 ta' Diċembru 2022, se tinżamm il-Christmas Parade, attivita li daħlet sew fil-kalendarju lokali.

  Nirringrazzja minn qalbi lil Joseph Vella, David Bonello u Noel Mercieca, membri tal-Bord ta' l-Attivitajiet li l-kunsill dejjem sabhom ta' spalla biex setaw jittellaw diversi attivitajiet.

Nagħlaq din l-introduzzjoni billi minn qalbi nirringrazzja lill-kollegi tiegħi membri tal-Kunsill, lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-ħaddiema kollha, inkluż magħhom ħaddiema u diriġenti ta' diversi entitajiet li jaħdmu b'kollaborazzjoni sħiħa mal-kunsill.

Nistieden lir-residenti biex jattendu bi ħġarhom għall-attivitajiet, filwaqt li f'isem il-kunsill nawgura lilhom u lil maħbubin tagħhom jiem ta' festi mill-aqwa, mimlija saħħa u prosperita'.

**3. Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Annwali – 13 ta' April 2022**

Il-Minuti ġew meħuda moqrija peress li ntbagħtu fil-ħin.
Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa annwali li saret fi-13 ta' April, 2022 hekk kif tressqu.

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb issekonda.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**4. Prezentazzjoni ta' l-estimi finanzjarji għas-sena 2023**

L-estimi finanzjarji ġew meħuda bħala moqrija peress li ntbagħtu fil-ħin u kienu approvati fl-aħħar laqgħa tal-kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport ta' l-estimi finanzjarji 2023.

**5. Interventi mill-Pubbliku Preżenti**

Interventi mill-Pubbliku ma' kienx hemm.

**6. Tmien tal-laqgħa**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-5:50pm.

**Approvati fit-13 ta' April, 2023**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ________________________ | ________________________ |
| **Sindku** | **Marico Sammut** |
| **Alfred Grima** | **Segretarju Eżekuttiv** |